TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

Decizjoni Nru 21/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur Joseph Busuttil
u
A & H Carter (Malta) Ltd

Chairman: G.A. Craig

Data: 27ta' Lulju 1978

B'ittra tal-12 ta' Gunju, 1978, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Joseph Busuttil mid-ditta A & H Carter (Malta) Ltd, tkeccija u l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm hames seduti li fihom deher ghal Joseph Busuttil, is-Sur Paul Bartolo, filwaqt li ghad-ditta A. & H Carter (Malta) Ltd deher is-Sur Hector Carter, Direttur ta l-istess ditta. F'dawn is-seduti instemghu bhala xhieda ghall-appellant, l-appellant innifsu, Ronald Scerri, Oliver Theuma u Emanuel Fucile, filwaqt li ghad-ditta xehed Tony Pace. Joseph Busuttil tkecca mid-ditta A & H. Carter (Malta) Ltd fuq allegazzjoni li kien jirrifjuta li jahdem 'overtime', fid-9 ta' Frar, 1978.

3. F'li-'statement of case' is-Sur Paul Bartolo sostna li din it-tkeccija kienet ingusta "mhabba li s-Sur Busuttil qatt ma rrifjuta li jahdem overtime u meta ma hadimx overtime kien dejjem imhabba impenji ohra li minhabba f'hekk kien jitlob permess u dan il-permess ma gie michud qatt. Kawza ohra li s-Sur Busuttil imbaghad, ma riedx joqghod aktar overtime, kienet li beda jithallas bis-siegha siegha minflok bis-siegha siegha u nofs, skond kif titlob il-ligi u ghalhekk huwa rrifjuta li jahdem overtime".

/..........

/...........

4. Għar-raġunijiet li espona is-Sur Bartolo, għall-appellant, talab li:

a. jitħallas għal kemm dam barra mill-impieg;

b. jingħata l-bonus li għadu ma ngħatalux;

c. jitħallas il-flus ta kemm ħadem overtime bir-rata li kellu jitħallas.

5. Is-Sur Hector Carter qal li kien minnu li kien hemm żmien meta l-overtime kien jitħallas siegħa siegħa, iżda meta hu sar jaf li din kienet rata ħażina hu kien qal lill-impjegati kollha li dan kien żball u li sejrin jitħallsu tiegħu, iżda li dan kien xahrejn qabel ma tkeċċa Busuttil. Fil-fatt l-impjegati kienu qegħdin jieħdu l-flus kollha u Busuttil kien ħadhom u kien għalhekk li ma setgħax ikun li Busuttil irrofta l-overtime imħabba ir-raġuni tal-ħlas ta' l-overtime.

6. Lejliet li tkeċċa Busuttil kien mar jgħid lis-Sur Carter li hu ma riedx jaħdem overtime għax fl-4.30p.m. irid imur jinħasel. L-għada kellhom trailer bil-karta biex tinħatt u kellhom jaħdmu 'overtime' imħabba li kellhom xogħol għal-Gvern bil-penali jekk ma jsirx fiż-żmien stabbilit. Busuttil xorta ħareġ fl-4.30p.m. wara li qal lis-Sur Carter 'jien tlaqt', u kien allura hemm li Busuttil tkeċċa, għax fuq l-overtime kellu kwistjonijiet qabel, u kull nhar ta Ġimgħa kien irid jitlaq.

7. Is-Sur Carter sostna li hu kien wissa lil-impjegati kollha li l-overtime kien ta' bil-fors kull meta jkun hemm bżonn u li Busuttil ta spiss kien jirrifjuta li jaħdem l-overtime. B'hekk gara, żied is-Sur Carter li Busuttil kien ta eżempju ħażin lil sħabu tant li dawn qalulu li jew kullħadd joqgħod wara l-ħin jew ħadd.

8. <u>L-Appellant</u> fix-xhieda tiegħu ċaħad li qatt irrefjuta jagħmel overtime għax kull darba li ma qagħadx għall-overtime kellu l-permess min għand id-Diretturi. Ċaħad ukoll li qatt kellu kondizzjoni li għall-overtime kellu joqgħod bil-fors u li hu telaq għax id-direttur qallu "aqbad u itlaq". Qal ukoll li ta' l-overtime kien jitħallas

/.....

bis-siegha siegha u li la lilu l-anqas lill-haddiehor qatt hadd ma qallu li dak kien zball u li kienu sejrin jithallsu tieghu bis-siegha siegha u nofs.

9. Ronald Bartolo, xhud ghall-appellant, ghalkemm qal li hu qatt ma iffirma li hu gie imwassi li l-overtime kien irid jahdmu bil-fors peress li kienet wahda mil-kondizzjonijiet tax-xoghol, stqarr li kienu javzawhom min qabel gieli gurnata qabel u gieli izjed. Mistoqsi mit-Tribunal jekk xi hadd kienx qallhom li meta jkun hemm l-overtime irid isir, hu wiegeb"iva, gieli qalilna." Mistoqsi kif thallas ta' l-overtime hu qal li r-rata kienet ta siegha siegha, u zied jghid "Ha zball, kien cempel u qalilna li ser ihallasna". Qal ukoll li l-appellant gie li rrifjuta l-overtime.

10. Oliver Theuma xhud ghall-appellant, qal li gieli qalulhom id-diretturi li l-overtime iridu jahdmuh bil-fors. Qal ukoll li ghall-ewwel kienu jithallsu bis-siegha siegha izda "imbaghad irrangajna kollox u qal li sa jaghtihomna." Qal ukoll li qatt ma kien hemm kwistjoni fuq flus jew li hu ma thallasx, jew li l-bonus ma hadux jew li l-leave ma tahulhux. Qal ukoll li l-appelant kien jitlaq fl-4.30p.m. "minhabba it-trab, u biex ninhasel." Qal ukoll li darba qalilhom li x-xoghol kien imghaggel.

11. Emanuel Fucile ex-impjegat mad-ditta A & H Carter (Malta) Ltd, xhud ghall-appellant, qal li lilu kienu qalulu li l-overtime kien ta' bil-fors. Fuq hlas ta overtime dan qal li wara li kienu qalu lid-direttur li thallsu bin nieqes, dan beda jhallashom sewwa. Fil-kontro-ezami Fucile qal li d-diretturi kienu qalu "lil kullhadd" izjed minn darba li l-overtime kien obbligatorju. Qal ukoll li sema' l-appellant jghid lid-direttur "jien sejjer ghax irrid ninhasel" u dan kien fl-4.30p.m.; u li fil-ghodu qaghdu jilghabu l-ballun ghax ma kienx hemm xoghol imma imbaghad fil-ghaxija dahal il-container u kellhom ihottuh fil-ghaxija stess. Qal ukoll li l-kwistjoni ta siegha siegha u nofs kienu irrangawha u li dejjem thallas. Fuq mistoqsijiet tad-direttur tad-ditta, ix-xhud irrisponda li wara li telaq l-appellant sabu li hafna xoghol li kien ghamel l-appellant kien zghir, u minhabba f'hekk gie

meqjus bhala 'rejects".

12. Anthony Pace - xhud ghad-ditta Carter, qal li hu kien dejjem jithallas, li d-direttur kien dejjem javzahom qabel, gieli hmistax il-gurnata jew xahar, biex jahdmu l-overtime, li dik il-gimgha li spicca l-appellant ma kienx hemm xoghol, li d-direttur kien jghid li kellu tender tal-Gvern b'£130 penali kuljum u li l-appellant, ghalkemm gie li ghamel overtime, ma riedx joqghod ghal overtime biex imur id-dar jinhasel. Semma l-izball tal-hlas tal-overtime u qal li d-direttur kien qallhom li kien ser ihallashom tieghu; semma li meta ma kienx ikun jista joqghod ghall-overtime hu kien jghid lid-direttur u kien jaqla l-permess biex ma joqghodx. Ix-xhud kompla jghid li kienu imwissin li l-overtime kien ta' bil-fors, u li l-appellant gie li kien jibda jahdem izjed tard mil-hin stabbilit u li. waqt ix-xoghol l-appellant kien imur itajjar il-hamiem, u li dik in-nhar li telaq l-appellant il-makna li kien jahdem fuqha ma kienetx bil-hsara, li wara li spicca l-appellant sabu hafna mix-xoghol tieghu 'rejects', li meta d-direttur sar jaf fuq il-hlas ta' l-overtime, qalilhom li ser ihallashom, li l-appellant kien qal lid-direttur "li jrid jitlaq fl-4.30p.m. biex jinhasel". Mistoqsi jekk l-appellant kienx qal lid-direttur li hu ma riedx jahdem overtime imhabba li kien jithallas siegha siegha, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u zied jghid "imma ghax ried jinhasel".

13. Vincent Sammut rapprezentant tad-Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni imsejjah mit-Tribunal, qal (a) li l-procedura hi li d-dipartiment iqis illi l-overtime huwa parti tal-kondizzjonijiet ta' l-impieg daqs il-kondizzjonijiet l-ohra; (b) l-overtime jrid isir sakemm l-employer javza fi zmien ragjenevoli u l-employee ma jkollux raguni gusta ghalhiex ma joqghodx; (c) li il-kuntratt tas-servizz, (contract of service) jista' jkun bil-miktub jew bil-fomm, dan skond il-Conditions of Employment Regulation Act.

14. Sottomissjonijiet finali - Is-Sur Paul Bartolo ghall-appellant is-sottometta li d-ditta Carter fejn riedet hi, certu affarijiet tal-ligi ma kienetx tafhom u, fejn riedet,

/........

hi, kienet tafhom. Sostna li jekk id-ditta kienet ghamlet zball li halset l-overtime bin-nieqes imbaghad irrangat l-izball taghha, daqshekk iehor kellha taghti ic-'chance' lill-appellant li jinduna bli-zball. Fil fatt gara li qabduh fil-kelma u gie mkecci. Hu semma li ghad hemm impjegati li ghadhom ma thallsux tal-overtime u qal li l-ebda mpjegat ma kellu tort li jirrifjuta jahdem l-overtime jekk ma jithallas bir-rata it-tajba. Anqas ma jaghti tort lil dawk li jirrifjutaw overtime jekk dawn jafu li ser idumu biex jithallsu.

15. Sostna li skond il-procedura normali haddiem ma jigix mkecci hesrem jekk mhux fuq haga serja bhal serq jew assalt. Dan ma kellux jigi mkecci anki jekk l-overtime kien jithallas bir-rata it-tajba u l-haddiem irrifjuta joqghod ghal xoghol extra, forsi l-appellant ma setghax joqghod ghal xi raguni u ghalhekk id-direttur kellu jinvestiga qabel jasal biex ikeccieh. L-appellant jekk ghamel xi haga hazina kellu jigi ammonit kif ghandu jaghmel employer serju u jaghti 'warning' bil-miktub. Lill-appellant qatt ma tawh warning bil-miktub u ghalhekk ihoss li t-tkeccija ta' l- appellant kienet ingusta, ghax, l-appellant isostni, hu ma qaghadx ghal overtime mhux ghax, kif issemma, ried imur jinhasel imma hu qallu li"mhiniex ser noqghod ghax qieghed nithallas bis-siegha siegha".

16. Id-ditta permezz tas-sur Hector Carter spjegat li d-ditta kienet zghira u kellha biss sitt impjegati li kienu jigu trattati qishom familja u lill-appellant stess meta nesa li jgib l-ikel mieghu mar hu (is-Sur Carter) stess jixtrilu l-pastizzi min Birkirkara. Qal ukoll li lill-appellant kienu ga keccewh darba ohra u regghu dahhluh u li kemm il darba tawh twissijiet bil-fomm, ghax huma hekk kienu jittrattaw mal ftit impjegati li kellhom. Hu kien ta bhala raguni ghat-tkeccija f'xi dokumenti tal-Labour Office il-kwistjoni tal-overtime, izda ma kompliex jghid li r-raguni kienet "ghax irid imur jinhasel". Qal li kien minnu li kellu zball fuq il-pagament tal-overtime izda meta sar jaf beda jhallashom bir-rata t-tajba. Zied jghid li tas-Sibt hu kien ihallashom b'rata ghola min dik stabbilita u li fuq l-overtime hu ma kellux records izda kien, ghal

/.........

dak li hu hlas, jistaqsi lill-impjegati stess kemm il-siegħa kienu ħadmu u hu kien joqgħod fuq dak li kienu jgħidulhu - hekk, qal, kien jistma lill-impjegati tiegħu.

17. Lill-appellant kien avzah min qabel għall-overtime u qallu li kellu tender tal-Gvern bil-penali ta' £130 kull jum pero dan xorta ma riedx jagħmel 'overtime'. Mr Carter qal li hu ma setgħax jimpjega lil ħaddieħor dak il-ħin u anqas ma seta' jżommu b'forza lill-appellant. Dan ma semma xejn fuq ir-rata ta' l-overtime, izda telaq għax ried li jmur jinħasel u ma tax raguni oħra. Lill-impjegati id-diretturi kienu jistmawhom tajjeb u lill-appellant kienu wissewh li dak in-nhar kien hemm bzonnu għall-overtime u li jekk ma jagħmilx 'overtime' meta jkun hemm bzonn huma ma jkunux jistgħu izommuh. Meta kellu ragunijiet biex ma joqgħodx huma dejjem tawh permess biex ma jagħmilx overtime.

18. It-Tribunal ħa in konsiderazzjoni dak kollu li rrizulta mill-provi u dak li sema' fis-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet. It-Tribunal kellu jara mhux biss jekk l-appellant irrifjutax jagħmel sahra meta kien meħtieg izda x'kienu ir-ragunijiet tar-rifjut u c-cirkostanzi kollha tal-kaz ħalli jkun jista' jizen jekk fil fatt kien hemm ħtiga, kienetx hekk kbira li timmerita sensja. Zgur li l-ebda Tribunal ma jasal li jaccetta bħala tkeccija gusta jekk ħaddiem jirrifjuta jagħmel overtime għal darba jew xi ftit drabi specjalment jekk tassew dan ir-rifjut kien għal xi raguni bħal dik li allega l-appellant, li hu ma riedx jagħmel sahra għax tagħha kien qed jitħallas bin-nieqes.

19. Qabel xejn it-Tribunal accerta mix-xhieda tar-rappresentant tad-Dipartiment tax-Xogħol u Emigrazzjoni li 'l-overtime' huwa parti tal-kondizzjonijiet ta l-impjieg daqs il-kondizzjonijiet l-oħra u għalhekk l-'overtime' jrid isir sakemm min iħaddem javza fi zmien ragonevoli u l-ħaddiem ma jkollux xi raguni gusta għalhiex ma joqgħodx. Dawn il-kondizzjonijiet jkun parti mill-kuntratt tax-xogħol kemm jekk ikunu saru bil-kitba kemm jekk bil-fomm.

/......

Jirrizulta mix-xhieda li id-diretturi tad-ditta kienu wissew lill-impjegati li l-'overtime' meta jkun mehtieg irid isir bil-fors. Jirrizulta wkoll li l-haddiema dejjem kienu jkunu avzati min qabel u ghalhekk wiehed f'dan il-kaz ried jara, qabel xejn, jekk irraguni kienitx dik li allega ir-rappresentant ta' l-appellant, is-Sur Paul Bartolo, jew le.

20. Mill-ebda xhieda ma rrizulta li xi darba l-appellant qal lid-direttur jew lil wiehed min shabhu li hu ma riedx jaghmel 'overtime' ghax kien qieghed jithallas bis-siegha siegha u mhux kif kellu jithallas bis-siegha siegha u nofs anzi mix-xhieda ta' xi whud min shabu harget li ma riedx jaghmel 'overtime' biex imur jinhasel. Lanqas mix-xhieda ta' l-appellant ma harget li l-overtime ma riedx jaghmlu ghax kien qed jithallas bin-nieqes ghax meta tkecca kien ga kulhadd jaf li in-nuqqas kien bi zball u li kien gie rettifikat u li kienu sejrin jithallsu anki ta' l-inghoddi.

21. Is-Sur Paul Bartolo ghall-appellant sostna tajjeb hafna li kif id-ditta ghamlet zball u rrangatu daqshekk iehor kellu jinghata ic-'chance' lill-appellant li jirranga l-izball tieghu, qal ukoll li haddiem ma ghandu qatt jigi mkecci hesrem jekk mhux fuq akkuza serja bhal serq, jew assalt; zied jghid ukoll li d-direttur kellu jara xkienet dik in-nhar ir-raguni li l-appellant ma riedx joqghod ghas-sahra. It-Tribunal hass li dawn kienu sottomissjonijiet serji li kellu ta' bil-fors jidhol fihom u jaghtihom il-konsiderazzjoni li haqqhom.

22. It-Tribunal jaqbel li l-ebda haddiem ma ghandu jitkecca hesrem jekk mhux fuq haga serja hafna u ghalhekk kellu jidhol fid-dettalji u ic-cirkostanzi kollha ta dan il-kaz. It-Tribunal sar jaf li l-appellant ga kien spicca min ma' l-istess ditta darba ohra qabel, li kien imwissi hafna drabi, ghalkemm bil fomm u mhux bil-kitba, li kien jaf il-htiega serja li kien hemm biex dak in-nhar isir l-'overtime' min kulhadd peress li t-tender tal-Gvern kienet imghaggla u li d-ditta kellha penali sostanzjali

/.....

kuljum, fil-kaz li ma jintlahaqx ix-xoghol, u apparti dan, l-appellant kien joqghod jitlab bil-hamiem waqt il-hin tax-xoghol. Waqt li min ihaddem ghandu id-dmir li jhares l-interessi tal-haddiem, il-haddiem ghandu ukoll id-dmir li jhares l-interessi ta' min ihaddmu. L-appellant mhux biss ma kellu ebda skuza ragjonevoli li ma jaghmilx 'overtime' izda kien jaf bil-htiega serja li kien hemm biex l-overtime isir, u b'ghajnejh miftuha mhux biss kiser wahda mill-kondizzjonijiet tax-xoghol izda mar kontra l-interessi ta' min kien qed ihaddmu, u fuq kollox, kien ta ezempju hazin ghal l-impjegati l-ohra li ma ridux jahdmu 'overtime' jekk ma jahdimx kulhadd.

23. AWARD

Ghal dawn ir-ragunijiet, u ic-cirkostanzi specjali tal-kas, it-Tribunal ma jistax isib favur l-appellant u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.A.Craig
Chairman

S Grech
Segretarju

fp